# *Ġirolmu Cassar*

Il-post kif ukoll id-data tat-twelid ta' dan l-arkitett, inġinier u gwerrier m'humiex magħrufa. Jingħad li twelied tiegħu kien qrib is-sena 1520, filwatq li l-mewt tiegħu żgur ġrat



wara id-9 ta' Jannar 1589, liema data hija tat-tieni testament li kien għamel.

Id-determinazzjoni kif ukoll il-kuraġġ li kellu kienu murija kemm fl-Assedju l-Kbir tal-1565 kif ukoll fil-gwerra bejn il-Venezjani u Torok f'Ċipru li ġrat fis-seklu 16. Fl-Assedju l-Kbir, huwa kien inġinier militari iqaffas il-magni tal-gwerra għall-ġellieda nsara u jżarma dawk tal-għedewwa.

Ġirolmu Cassar kien skultur ta' l-arkittet Malti Evangelista Menga u Taljan Francesco Laparelli. Laparelli ħarreġ lil Cassar , inġinier Malti fis-servizz ta' l-Isptarieri, kif ukoll fl-arkittetura Rinaxximentali  biex ikun jista' jkompli bil-bini tal-Belt hekk kif tingħalaq id-dawra tas-swar u Laparelli jitlaq minn Malta. Huwa akwista wkoll esperjenza u teknika kbira fl-arti tar-Rinaxximent kif ukoll dik Manjerista. Cassar wera il-ħila tiegħu f'għadd ta' knejjes u binja oħra li kellu x'jaqsam magħhom fl-ewwel snin tas-seklu 17. Fost ix-xogħlijiet li huwa għamel ġewwa l-Belt Valletta nsibu: il-Palazz  Maġistrali, il-Kon-Kattidral ta' San Ġwann, il-knejjes parrokkjali ta' San Pawl, Portu Salvu u Santu Wistin, il-knejjes tal-Karmnu u ta' Ġieżu kif ukoll kunventi, is-seba' Bereġ, l-imtieħen, il-fran kif ukoll l-isptar tal-kavalieri. Huwa kien ukoll inkarigat mill-bini tal-knisja ta' San Mark tar-Rabat Malta, kif ukoll mill-Palazz tal-Verdala fil-Buskett. Ġilormu Cassar saħħaħ u sewwa l-fortifikazzjonijiet tal-Birgu

u l-Isla, li sfaw imfarrka, flimkien ma' dawk t'Għawdex u l-Imdina fiż-żmien l-Assedju l-Kbir.



L-istint matematiku kif ukoll dak prattiku bħala inġinier militari wasslu lil Ġilormu Cassar biex isib l-ordni, il-koerenza u fl-aħħar mill-aħħar is-sbuħija f'dak li kienjibni. Cassar kien il-persuna li ħoloq il-qafas t'opri kbar sabiex il-pitturi u l-iskulturi, il-marmisti u nissieġa ta' l-arazzi jgħaddulna l-valur artistiku tagħhom li għadna ngawduh sal lum.